Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2006

Numru 1040/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Agius)**

**vs**

**--omissis--**
**Kim Briffa**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Kim Briffa ta' 15 –il sena, iben Raymond u Isabelle nee` D'Agostino imwieled Pieta` fl-01/03/90 residenti nru 45, Triq tal-Gurgier, Birzebbugia gie akkuzat talli:

- OMISSIS –

Nhar is-16 t'Ottubru 2005 ghal habta ta' 01.00hrs fi Triq il-Kitarristi B'Bugia ha sehem f'delitt billi xewwex jew sahhah il-volonta` t'a Aaron Barbara persuna ohra sabiex taghmel id-delitt imsemmi aktar 'il fuq u waqt li kien jaf minn qabel li ser isir delitt ma impediehx sabiex jaghmel dan id-delitt bi ksur tal-ar 42(e) u 45(b) u (c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok JA 5 u nnutat li l-imputat Kim Briffa m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta ta' llum l-imputat fil-presenza tal-avukat difensur tieghu Dr Franco Debono iddikjara li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 42(e), 45(b) u (c) u 37 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Kim Briffa, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali netta tal-imputat u li tenut kont l-eta` tenera tal-imputat japplika dak previst fl-artikolu 37 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tillibera lill-istess imputat Kim Briffa taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2) mil-lum.

Inoltre il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-imputat Kim Briffa ihallas lir-Registratur tal-Qrati fi zmien xahrejn (2) mil-lum is-somma ta' sebgha u hamsin Liri Maltin u sebgha u disghin centezmi (Lm57.97c) bhala nofs l-ispejjez inkorsi rigward l-inkarigu tal-espert Professur Alfred J Vella (Relazzjoni tal-imsemmi espert esebita bhala Dok AJV 1) nominat fl-Inkjesta li l-Process Verbal taghha jinsab esebit fl-atti ta' din il-kawza bhala Dok RB 1.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Kim Briffa l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------